# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-15 ta' Jannar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 135/2025 CL

**Bad Boy Cleaning Services Ltd( C8836)**

**VERSUS**

**Portelli & Brincat Ltd (C5467)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-22 ta' April, 2024 fejn is-socjeta konvenuta kienet ghamlet uzu minn servizzi ta' tindief ipprovduta mis-socjeta attrici bejn il-31 ta' Jannar 2023 sad-19 ta' Gunju 2023, liema statements, fatturi u jobsheets iffirmati l-maggoranza tagghom minn Joseph Portelli, li huwa azzjonist u dirretur tas-socjeta konvenuta, gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok BBC1. Illi fit-22 ta' Novembru 2023 intbghatet ittra legali interpellatorja Dok BBC2, u minkejja li fl-1 ta' Dicembru 2023 Joseph Portelli bghat e mail fejn talab sabiex jaghmel il-hlas f'zewg pagamenti Dok BBC3 dan baqa' ma thallasx u b'hekk intbghatet ittra bil-procedura 166A tal-Kap 12 bin-numru 395/24. Is-socjeta wiegbet illi l-ammont ma kienx dovut u b'hekk kellha ssir il-kawza. B'hekk is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarata illi l-ammont ta' sitt mija u disgha u disghin euro u hmistax-il centezmu (€699.15) huwa dovut u tordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' €699.15, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-hlas, l-ispejjez tal-ittra ufficjali 395/24 u l-ispejjez tal-proceduri odjerni kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri fl-14 ta' Mejju 2024, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan, izda fis-seduta li kienet tmiss wara tali notifika, tas-17 ta' Gunju 2024, deher rapprezentant tas-socjeta attrici assistit minn avukat, fejn il-partijiet inffurmaw lit-Tribunal illi kien hemm possibilita' ta' tranzazzjoni.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2022, is-socjeta attrici infurmat lit-Tribunal illi t-tranzazzjoni ma sehhitx. Ghalhekk stante li ma gietx ipprezentata risposta u lanqas

ma deher hadd biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2024, giet ipprezentata affidavit ta' Caroline Saliba li tahdem fl-accounts mas-socjeta attrici li ikkkonfermat l-fatturi u l-istatements li jidhru f'Dok BBC1 u li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Gie ipprezentat ukoll affidavit ta' Malcolm Gatt li jahdem bhala Works Manager mas-socjeta attrici u ikkonferma illi s-socjeta attrici pprestat servizzi lis-socjeta konvenuta kif jidhru fil-job sheets immarkati Dok BBC1 li gew iffirmati minn rapprezentanti tas-socjeta konvenuta u qatt ma kien hemm ilmenti dwar is-servizz.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra z-zewg affidavits li gew ipprezentati li juru li x-xoghol kien twettaq u ma kien sar ebda hlas u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandhomx jitwemmnu.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u disghin euro u hmistax-il centezmu (€699.15), bl-imgħax legali mill-19 ta' Gunju 2023, sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra 166A tal-Kap 12 bin-numru 395/24 huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**